MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (SEDE CIVILI)
# MALTA

## MAGISTRAT DR.
## MALLIA MICHAEL LL.D.

Seduta tat-13 ta' Jannar, 2003

Avviz Numru. 705/2002

**Compunet Limited**

**vs**

**Millenium Enterprises Limited**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' elf, sitt mija u disgha u tletin lira Maltin (Lm1,639) rapprezentanti bilanc mill-prezz ta' apparat elettroniku mibjugh lis-socjeta' konvenuta f'diversi okkazjonijiet, fuq ordni u inkarigu tas-socjeta' konvenuta, u kkonsenjati lis-socjeta' konvenuta mis-socjeta' attrici.

Bl-imghax legali mill-24 ta' Jannar, 2002, sal-pagament effettiv u bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Awissu, 2002, kontra s-socjeta' konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici sabiex is-socjeta’ konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta’ konvenuta li r-rapprezentanti guridici taghha naqsu u ma dehrux, la fis-7 ta’ Jannar, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.